**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, is-27 ta' Mejju 2024

Każ Numru: 209/2020

**IL-PULIZIJA**
**Vs**

**Ann Marie Zahra**

(detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0091079 (M))

**Craig Lee Cardona**

(detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0300703 (M))

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, Ann Marie Zahra, ta' 40 sena bint Joseph u Margaret nee Farrugia, imwielda Pieta' Malta nhar 1-20 ta' Frar 1979, residenti ġewwa Blokk A7, Flat 6, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, u detentriċi tal-karta tal-identita bin-numru 0091079M, u Craig Lee Cardona, ta' 16 il-sena, iben Wilfred u Ann Marie xebba Zahra, mwieled il-Pieta' Malta, nhar il-15 ta' Awwissu 2003, residenti ġewwa Blokk A7, Flat 6, Triq Pietru D' Armenia, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0300703L, u akkużati talli nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2019 għall-ħabta tat-tmienja ta'

filgħaxija (20:00hrs) u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa Blokk A7, Flat 6, Triq Pietru D' Armenia, Pembroke:-

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtlu jew li tqiegħdu l-ħajja ta' Joseph Zahra f' periklu ċar, ikkaġunajtu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema grieħi huma ta' natura ħafifa (Artikoli 214, 215, 221(1), 222 (l)(a) u 202(h)(ii) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta ' Malta)

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Joseph Zahra, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew ghal-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika skond il-Kap. 581 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta, kif ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mgħotija waqt is-seduta tat-28 ta' Lulju 2023 mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi minn din il-Qorti kif presjeduta.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2024, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-Dokumenti esebiti.

Semgħet lill-Partijiet jiddikjaraw li kienu se joqgħodu fuq il-provi prodotti u l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Margaret Zahra** xehdet li kien hemm kwistjoni bejn tal-familja fuq flejjes li hija għaddiet lill-bintha l-Imputata Ann Marie Zahra, biex iżżommomla. Tgħid li fl-2006 kienet toqgħod mal-imputata f'Pembroke u kienu ġew it-tifel tagħha Mario, Joseph u Mark u dak il-ħin kien hemm it-tifla tagħha l-imputata Ann Marie u t-tifel tagħha l-

imputat Craig Lee, u rat lill Joseph Zahra u lill imputat Craig Lee Cardona mqabbdin f'xulxin mal-art. Hi tgħid li ma ratx min beda l-ġlieda u ma ratx eżatt x'ġara peress li hi kienet qed tieħu l-insulina u kienet f'kamra oħra. Tgħid li t-tfal tagħha ippruvaw iżommuha ġewwa imbagħad hi ħarġet. Tgħid ukoll li Craig Lee weġġa subajh bil-grinder il-gurnata ta qabel tant hu hekk li hi kienet xtratlu faxxa. Tgħid li Craig Lee qalla li ried joqtol lill-familja Zahra kollha. Imbagħad is-subien ħarġu l-barra u qagħdu jistennewha. Tgħid li Ann Marie kienet qed tagħmel xagħra.

2. **Mario Zahra** xehed li naqsu xi flus lill-ommu u marru d-dar tagħha, u allega li Craig Lee ħabat għalih. Huwa għaraf lill imputat Craig Lee fl-Awla. Fix-xhieda tiegħu hu baqa' jgħid li daħlu sal kurutur u Craig Lee ħabat għalihom. Hu jgħid li ġie biex jiġġieled. Jgħid li huma kienu tlieta jiġifieri hu, Joseph u Mark. Jgħid li hu ma ġralu xejn bis mingħajr ma jagħti dettalji dwar kif weġġa, jgħid li ħuh Joseph seta' kellu xi ġrieħi. Hu jgħid li Craig Lee tefa xi važun. Jgħid li ma jiftakarx jekk Craig kellux ġrieħi. Jgħid ukoll li kien Craig Lee li kisser il-bieb ta' barra. Hu jgħid li mhux veru li l-imputata Ann Marie qalgħet xebha. Mistoqsi jagħti aktar dettall hu baqa' jirrepeti l-istess kliem mingħajr ma ta' l-ebda dettall.
3. **Mark Anthony Zahra** jgħid li dakinhar tal-inċident huwa kien fil-kċina jipprova jikkonvinċi lil ommu biex tmur tagħmel rapport u hu sema' għajjat u ġlied fil-kurutur ħareġ u sab lill Craig u lill-Joseph imqabbdin ġo xulxin. Kien hemm ħuh mario wkoll. Feriti ma rax, ħlief li kien hemm xi faxxa.
4. **Joseph Zahra** ġie mħarrek biex jixhed waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2024, biss peress li hu jiġi ħu l-imputata huwa għażel li ma jixhidx.
5. **L-istqarrija ta' l-imputata Ann Marie Zahra** fejn dwar l-inċident tas-16 ta' Mejju hija tgħid li Mark ċempilha dwar il-flus li allegatament kellha tagħti lill-ommha u mbagħad ġie jċempel il-qanpiena tad-dar u fetaħ it-tifel tagħha Craig Lee. Riedhom imorru l-għassa biex isir rapport, imma biss ommha ma riditx dak il-ħin. Imbagħad waslu ukoll huwa Joseph u Mario. Hija tgħid li ħuha Joseph faqa l-bieb u beda jsawwatha.. It-tifel tagħha Craig Lee daħal ukoll u beda jsawwat lilu ukoll. Huwa Mark u Mario baqgħu iħarsu u ma ntervjenewx. Tgħid li Joseph laqatha b'važun f'rasha hi stordiet u waqgħet mal-art. Hija ċemplet għal ambulanza għax kienet storduta bid-daqqiet li qalgħet. Hija imbagħad marret l-Għassa.
6. **L-istqarrija ta' l-imputat Craig Lee Cardona** fejn qal li ommu kienet rċeviet telefonata u ftit wara daqq il-bieb. Huwa fetaħ u daħal Mark u hu mar fil-kamra tiegħu. Imbagħad rega' ħabbat il-bieb u sema leħen Joseph. Hu sema lill-ommu tgħajjat u ħareġ

u pprova jiddefendi lill-ommu u Joseph beda jsawtu. Hu ra ħafna xahar mal-art. Jgħid li Joseph ta' daqqiet ta' ponn f'wiċċ ommu, u hu daħal u qala daqqiet, ċċarratlu l-misluta, u qala xuttijiet ġo żaqqu u qala ukoll ġo wiċċu. Jgħid li tefala važun

7. **L-Ispettur J Xerri** xehdu u **l-Ispettur Steven Ryan Micallef** li fiż-żmien tal-inċident kien għadu Surġent xehdu dwar l-investigazzjonijiet li ħejjew f'dan il-każ (fol 38 sa 43). Din il-Qorti tinnota li fin-nuqqas ta' provi konkreti u diretti dwar l-akkudut ix-xhieda tagħhom ma tantx tista tgħin lill-prosekuzzjoni sabiex tinstab ħtija fl-imputati dwar l-akkużi miġjuba kontrihom.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati, l-avukati tal-imputati għamlu diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni, iżda ma ġabux provi.

L-imputati għażlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huma kellhom kull dritt li jagħmlu.**

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

1. **Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

   Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

   Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

   Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

   Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u

mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Imputazzjoni miġjuba kontra l-imputati:** *"akkużati talli nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2019 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa Blokk A7, Flat 6, Triq Pietru D' Armenia, Pembroke:-*
*Mingħajr il-ħsieb li toqtlu jew li tqiegħdu l-ħajja ta' Joseph Zahra f' periklu ċar, ikkaġunajtu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema grieħi huma ta' natura ħafifa (Artikoli 214, 215, 221(1), 222 (l)(a) u 202(h)(ii) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta ' Malta)"*

Din il-Qorti tqis li l-ebda wieħed mix-xhieda li xehdu f'dawn il-proċeduri ma xehed b'mod affidabbli jew li jista jagħti xi forma ta' serħan tal-moħħ lill-Qorti dwar dak li ġara dakinhar tal-inċident li wassal għal dawn l-akkużi. Il-livell ta prova msemmija hawn fuq ċertament li ma ntlaħqitx. Għalkemm inġiebet il-prova permezz ta' ċertifikat tat-tabib li eżamina lill-Joseph Zahra (fol 9), u li d-difiża taċċetta bħala prova awtentika meta hija ddikjarat fil-verbal tat-28 ta' Ġunju 2022 li qed teżenta l-prosekuzzjoni mil-prova tal-awtentiċita tal-imsemmi ċertifikar, jibqa' d-dubbju dwar min ikkawża l-allegati ġrieħi.

**Għalhekk il-Qorti mhix se tkun qed ssib lill-imputati ħatja ta' din l-imputazzjoni stante din ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.**

## C. <u>Konklużjoni</u>

Għal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputati Ann Marie Zahra, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0091079 (M), u Craig Lee Cardona detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0300703 (M) ħatja tal-akkuża miġjuba fil-konfront tagħhom u minnha tilliberhom.

**Onor. Dr. Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**